**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 9 ta' Mejju 2019**

Numru 8

**Rikors Guramentat Nru. 1289/2018**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**vs**
**Paul Camenzuli sive Camenzuli Kerr u Joan Camenzuli**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tas-27 ta' Dicembru 2018 li jghid hekk:

1. Illi fl-20 ta' Frar, 2008, il-Bank attur ta facilitajiet bankarji lill-konvenuti, dak iz-zmien konjugi, konsistenti self (Personal loan) fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, mija u sebgha u disghin ewro (€21,197.00) sabiex tinxtara ghamara (Kont numru 089-079503-300) u dan kif jirrizulta mill-ftehim anness bhala Dok. A;

2. Illi l-konvenuti naqsu milli jaghmlu l-pagamenti rikjesti skond it-termini tal-istess ftehim u ghaldaqstant huma ddekadew mill-beneficcju tat-terminu moghti lilhom;

3. Illi fuq dan is-self il-konvenuti huma ghalhekk debituri tal-Bank attur fis-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, tliet mija, u tlieta u tmenin ewro u wiehed u disghin centezmu (€22,383.91) dovuta in kwantu ghal tlettax-il elf, hames mija u tmienja u hamsin ewro u sitta u tmenin centezmu (€13,558.86) bhala bilanc mill-kapital misluf lilu, u r-rimanenti tmint elef, tmien mija u hamsa u ghoxrin ewro u hames centezmi (€8,825.05) bhala imghax ikkalkulat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena sat-30 ta' Novembru 2018 (Dok. B), oltre l-imghax ulterjuri mill-1 ta' Dicembru 2018 sad-data tal-pagament effettiv;

4. Illi fit-8 ta' April 2018, il-Bank attur ta facilitajiet bankarji ohra lill-konvenuti, ukoll konsistenti f'self (Personal loan) fis-somma ta' elfejn, tmin mija u tlieta u sebghin ewro (€2,873.00) sabiex jinxtara kompjuter (Kont numru 089-079503301), u dan kif jirrizulta mill-ftehim anness bhala Dok. C;

5. Illi fuq dan il-kont ukoll, il-konvenuti naqsu milli jaghmlu l-pagamenti rikjesti skond it-termini tal-istess ftehim u ghalhekk iddekadew mill-beneficcju tat-terminu moghti lilhom;

6. Illi fuq dan is-self il-konvenuti huma ghalhekk debituri tal-Bank attur fis-somma ta' elfejn, tmien mija u wiehed u erbghin ewro u hames centezmi (€2,841.05) dovuta in kwantu ghal elf, tmien mija u sittin ewro u tnejn u tletin centezmu (€1,860.32) bhala kapital u in kwantu ghar-rimanenti disa' mija u tmenin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€980.73) bhala imghax ikkalkulat sat-30 ta' Novembru 2018, oltre l-imghax ulterjuri mill-1 ta' Dicembru 2018 sad-data tal-pagament effettiv (Dok. D);

7. Illi ghalhekk il-konvenuti huma debituri tal-bank attur fis-somma globali ta' hamsa u ghoxrin elf, mitejn u erbgha u ghoxrin ewro u sitta u disghin centezmu (€25,224.96) oltre l-imghax ulterjuri kif spjegat;

8. Illi l-konvenuti, ghalkemm interpellati biex ihallsu l-ammonti fuq indikati permezz ta' ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 19 ta' Novembru 2015 (Ittra numru 228/15), hawn annessa bhala Dok. E, u Paul Camenzuli gie interpellat ukoll permezz ta' ittra ufficjali ohra ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 12 ta' Lulju 2018 (Ittra numru 115/18), hawn annessa bhala Dok. F, wiegbu ghalihom billi irrispingew il-pretenzjonijiet, u baqghu inadempjenti;

Ghaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob umilment li din l-0norabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna, joghgobha:

(i) Tiddikjara li l-konvenuti Paul Camenzuli sive Camenzuli Kerr, u Joan Camenzuli huma debituri solidalment bejniethom fil-konfront tal-Bank attur fis-somma globali ta' hamsa u ghoxrin elf, mitejn u erbgha u ghoxrin ewro u sitta u disghin centezmu (€25,224.96) dovuta fuq iz-zewg kontijiet kif fuq spjegat;

(ii) Tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' hamsa u ghoxrin elf, mitejn u erbgha u ghoxrin ewro u sitta u disghin centezmu (€25,224.96) u dan oltre l-imghaxijiet ulterjuri legali ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-1 ta' Dicembru 2018 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati 19 ta' Novembru 2015 u 12 ta' Lulju 2018 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dina l-kawza kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' konvenuta li tghid hekk:

1. Preliminari - Illi l-esponenti ma hijiex il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna izda huwa l-intimat l-iehor Paul Camenzuli Sive Camenzuli Kerr li ghandu jigi kkundannat jaghmel tajjeb ghat-talba tal-bank attur u dana ghas-segwenti ragunijiet:

i. Il-partijiet huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni illi sar nhar it-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012),
ii. Illi f'dan il-kuntratt il-partijiet qablu li l-esponenti ghandha tigi assenjata l-fond matrimonjali u cioe l-fond li jgib l-isem 'Jan Paul' bin-numru ufficjali hamsa u hamsin (55) Triq Vincenzo, fil-Fgura li jinkludi ukoll il-garage sottostanti bin-numru tlieta u hamsin (53), u kif ukoll l-arja sovrastanti ghall tali garage, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu u dan skont ma jirrizulta minn pagna 5 minn 8, taht il-porzjon B (i);

iii. Illi l-intimat Paul Camenzuli Kerr kellu jassumi d-djun kollha li kienu jtaqqlu l-kommunjoni tal-akkwisti u dan skont ma jipprovdi l-kuntratt ta' separazzjoni senjatament fil-Prozjon A subinciz (iii) li tghid: All Debts and Liabilities burdening the community of acquests to date including any loans, overdrafts or other debts that the parties may owe the banks, other financial institutions or other service providers subject to the stipulations set out in this deed. '
iv. Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali l-intimat kien skapricca lil-esponenti meta hi spiccat giet assenjata d-dar matrimonjali - dar mimlija dejn u mtaqqla bil-pisijiet u l-ipoteki tan-negozji li jiggestixxi l-attur, u b'konsegwenza ta' hekk kellha tigi intavolata kawza opportuna, meta suppost l-esponenti inghatat proprjeta libera u franka;
v. Illi dwar dan hemm il-kawza fl-ismijiet Giovanna Camenzuli Kerr (detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 719360M) vs Paul Camenzuli Kerr (detentur tal-karta tal-identita bin-numru 236860M) u Hi Timber Company Limited (C-9022) bin-numru 709/2017AF.
vi. Illi in vista ta' dan kollu u l-provi li ser jirrizultaw, din l-0norabbli Qorti ghandha tikkunsidra l-eccezzjoniji tal-esponenti bhala fondata u tilqaghha;

2. Fil-mertu - Illi t-talba tal-bank hija infondata fil-fatt u fid-dritt versu l-konvenuta u dana ghas-segwenti ragunijiet:
i. Il-bank attur ilu jaf bid-diffikulta nkwantu kontra min ghandu jigi ezegwit dan id-dejn sahansitra mis-sena 2015 kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
ii. Illi l-bank attur irrifjuta li jehles lil-kovenuta mid-dejn kontrattat allavolja kien anki mitlub jixhed f'diversi proceduri quddiem din l-0norabbli Qorti u nfurmat dwar l-istat tac-cirkostanzi ta' bejn il-partijiet, bit-teorija li l-kuntratt ta' separazzjoni ma jorbotx lil-bank ghax hu inter partes u mhux ergo omnes;

3. Illi tenut kont ukoll ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-esponenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri izda ghandu jkun il-konvenut Paul Camenzuli Kerr li jaghmel tajjeb ghalihom, u kif ukoll dawn tal-esponenti peress li dawn il-proceduri saru minhabba l-inadempjenza tieghu u hadd izjed;

Bl-ispejjez kontra l-atturi u l-konvenut li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' konvenut li tghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti tehtieg li tipprova bi provi tajbin u idoneji, in virtu tal-Art. 558, 559 u 562 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dak pretiz minnha in sostenn tat-talbiet minnha mressqa;

2. Illi l-eccipjent qieghed jikkontesta l-quantum reklamat, b'dan li r-rikorrenti ma ghandha ebda jedd timponi rata ta' imghax rnhux skond ir-rata pattwita bejn il-partijiet;

3. Illi l-eccipjent qieghed ukoll jikkontesta l-quantum reklamat billi r-rikorrenti ma ghandha ebda jedd li tikkapitalizza l-imghax u timponi imghax fuqu;

4. Salv eccezzjonjjiet ohra skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut ammetta t-talbiet attrici u inghatat sentenza fil-konfront tieghu fid-9 ta' April 2019;

Rat l-atti;

Rat li l-kawza thallliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din il-kawza hi dwar hlas lura ta' zewg ftehim ta' self maghmul mill-konvenuti konjugi Camenzuli waqt iz-zwieg. Billi l-konvenuti naqsu li jhallsu d-debitu, il-bank ressaq il-procedura odjerna kontra l-konvenuti bhala debituri in solidum skont l-istem ftehim.

Filwaqt li l-konvenut ammetta it-talbiet, il-konvenuta qed tilqa' ghall-azzjoni attrici billi qed issostni illi hemm kuntrat ta' separazzjoni personali bejn il-konvenuta u l-konvenut pubblikat fl-10 ta' April 2012 fejn il-konvenut assuma d-debiti tal-komunjoni. Din l-eccezzjoni jista' jkun fiha mertu fir-relazzjonijiet patrimonali bejn il-konvenuti pero l-kuntratt ta' separazzjoni hu res inter alios acta r-relazzjoni tal-konvenuti mal-bank. Il-konvenuti intrabtu ghal hlas tas-self in solidum qua mizzewgin u ghalhekk ir-responsabilita taghhom hi intiera ghal hlas kollu tas-self fil-konfront tal-bank bid-dritt ta' rivalsa bejn il-konvenuti f'kaz ta' ftehim bejniethom li l-bank ma hux parti ghalih.

Il-konvenuta qed tissottometti wkoll illi fil-kuntratt ta' separazzjoni l-konvenut assenja proprjeta immobbli lill-konvenuta libera u franka li irrizultat mimlija dejn u ghalhekk qed tikkontesta dan il-kuntratt b'kawza ghad-danni (709/2017AF) quddiem il-Qorti. Ghall-istess raguni moghtija qabel, ir-relazzjonijiet bejn il-konvenuti mhix rilevanti ghad-drittijiet tal-bank ghal hlas tas-self dovut lilu in konformita mal-kuntratt ta' self iffirmat mill-konvenuta mal-bank.

Is-self mhux jigi kontestat mill-konvenuta li del resto gie pruvat mill-bank u konfermat bis-sentenza tal-Qorti tad-9 ta' April 2019 fil-konfront tal-konvenut.

Ghalhekk il-Qorti tqis li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-konfront tal-konvenuta.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuta Joan Camenzuli u tikkundannha thallas lil-bank attur is-somma globali ta' hamsa u ghoxrin elf, mitejn u erbgha u ghoxrin ewro u sitta u disghin centezmu (€25,224.96) konsistenti f'dejn personali dovuti fuq personal loans tal-istess konvenuta flimkien mal-konvenut l-iehor skont it-talbiet u dokumenti esebiti, flimkien mal-imghax ulterjuri legali ta' tmienja fil-mija (8%) mill-1 ta' Dicembru 2018 sad-data tal-pagament effettiv. Spejjez tal-bank attur ghall-istess konvenuta.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur